L-Akkademja tal-Malti

Taħdem biex iġġib 'il quddiem
il-qagħda tal-Malti bħala lsien
nazzjonali fl-oqsma kollha tal-ħajja

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

## Ħuna Silvestru Bonavia jippreżenta l-ktieb dwar ħuh lill-President ta' Malta

Ħuna Silvestru li issa reġa' lura fil-fraternità tal-Furjana, nhar it-30 ta' April iltaqa' mal-President ta' Malta, Dr George Vella, u ppreżentalu kopja tal-ktieb ta' ħuh "Karmenu Bonavia u Kitbietu – L-Ewwel Volum: Ħaż-Żabbar, il-Madonna tal-Grazzja u s-Santwarju" li jiġbor fih 29 artiklu li Karmenu kien kiteb bejn l-1957 u l-2016 wara riċerka intensiva fl-arkivji tal-Arċidjoċesi, tal-Katidral, tal-Parroċċa, dawk Notarili u aktar.

Minħabba l-fatt li Karmenu kien membru Onorarju tal-Akkademja tal-Malti, il-preżentazzjoni saret waqt l-ewwel żjara li l-Akkademja tal-Malti għamlet lill-President ta' Malta wara l-ħatra tiegħu. Il-President tal-Akkademja, il-Prof. Albert Borg, kien akkumpanjat mill-Viċi President, is-Sur David Agius Muscat, is-Segretarju, is-Sur Joe Borg, u t-Teżorier tal-istess Akkademja, is-Sinjura Phyllis Debono. Matul il-laqgħa l-President wera l-ħerqa tiegħu li jagħti spinta aktar qawwija l-użu sewwa ta' lsienna u kampanja fuq skala nazzonali għal dan il-għan. Meta ssemmiet il-ħidma fost l-emigranti Maltin f'diversi pajjiżi, Patri Silvestru semma l-ħidma twila ta' ħuh il-kbir Ġorġ li kien mar il-Kanada bħala emigrant fl-1948, il-kotba li kiteb bil-Malti għall-emigranti, *l-Ittra mill-Kanada* li għal bosta snin kien jikteb fil-Berqa, gazzetta ta' kuljum fil-ħamsinijiet u s-sittinijiet u aktar ir-rokna għanja ta' kotba dwar Malta u l-Malti fil-Biblijoteka Etnika ta' Ottawa. Għal dan il-għan kien għenu ħafna Karmenu u Patri Silvestru minn Malta.

Il-President fl-aħħar tal-laqgħa radd ħajr lill-Akkademja tal-Malti għaż-żjara tagħhom u lil Ħuna Silvestru tal-Ktieb li għoġbu jippreżentalu.

**Ritratt: Il-Kumitat tal-Akkademja tal-Malti u Patri Silvestru mal-President Dr George Vella**

12, App. 1
Dar Doreen Micallef
Triq Sant'Andrija
Il-Belt Valletta VLT 1341

info@akkademja.org

fb.com/akkademjatalmalti

www.akkademjatalmalti.org